

Dispożittiv

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lill-Istati Membri, meta jevalwaw il-kompatibbiltà ta' programm jew ta' proġett partikolari mal-għan ta' prevenzjoni tad-deterjorament tal-kwalità tal-ilmijiet, li ma jidherx inkunsiderazzjoni impatti temporanji għal żmien qasir u mingħajr konsegwenzi fit-tul fuqhom, sakemm ma jkunx manifest li tali impatti, min-natura tagħhom, għandhom biss fteit effett fuq l-istat tal-korpi tal-ilma kkonċernati u li ma jistgħux iwasslu għal "deterjorament" tiegħu, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni. Meta, fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' programm jew ta' proġett, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiddeterminaw li dan jista' jipprovoka tali deterjorament, dan il-programm jew dan il-proġett jista', anki jekk dan id-deterjorament ikun ta' natura temporanja, jiġi awtorizzat biss jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(7) tal-imsemmija direttiva jkun ssodisfatti.

(¹) ĠU C 35, 1.2.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Commissione tributaria provinciale di Venezia – I-Italja) – U.I. Srl vs Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Venezia

(Kawża C-714/20) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 201 – Persuni responsabbli għall-ħlas tat-taxxa – VAT fuq l-importazzjoni – Kodiċi Doganali tal-Unjoni – Regolament (UE) Nru 952/2013 – Artikoli 77(3) – Responsabbiltà in solidum tar-rappreżentant doganali indirett u tal-kumpannija importatriċi – Dazji doganali)

(2022/C 244/11)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione tributaria provinciale di Venezia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: U.I. Srl

Konvenut: Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Venezia

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 77(3) Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li, skont din id-dispożizzjoni biss, ir-rappreżentant doganali indirett huwa responsabbli biss għall-ħlas tad-dazji doganali dovuti għall-merkanzija li huwa jkun ddikjara lid-dwana, u mhux, barra minn hekk, għall-VAT fuq l-importazzjoni għal din l-istess merkanzija.
- 2) L-Artikolu 201 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li r-responsabbiltà tar-rappreżentant doganali indirett għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni, in solidum ma' dik tal-importatur, ma tistax tinżamm fl-assenza ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jinnominawh jew li jirrikonossuh, b'mod espliċitu u inekwivoku, bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas ta' din it-taxxa.

(¹) Data tal-preżentata: 24.12.2020.